**23 ta' Novembru, 1990**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Alan Mifsud *et*

*versus*

L-Avukat Ġenerali *et*

**Kostituzzjoni – Konvenzjoni Ewropeja – Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem – Smigħ Xieraq – Ġudikant – Imparzjali – Indipendenti – Avukat Ġenerali tar-Repubblika – Rinviju – Nullità – Riferenzi – Ordni ta' Frivolu u Vesstorju – Rimedju**

*Ir-rikorrenti talbu li r-rinviju ta' proċessi kriminali kontra tagħhom kien null u vizzjat billi jikser id-dritt tagħhom għal smigħ xieraq. L-Avukat Ġenerali, li ordna r-rinviju, ma kienx persuna imparzjali u indipendenti, u l-eserċizzju tal-mansjonijiet afdati f'idejh mil-*

*liġi jivvjola d-dritt għal smigħ xieraq tar-rikorrenti. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet it-talbiet tar-rikorrenti. Fuq appell, il-Qorti Kostituzzjoni kkonfermat u ddikjarat li r-rikorrenti ma kellhomx dritt jaġixxu b'dan il-mod permezz ta' rikors meta t-talba tagħhom għal riferenza quddiem il-Qorti tal-Maġistrati kienet ġiet minn dik il-Qorti ddikjarata frivola u vessatorja.*

*L-Avukat Ġenerali tar-Repubbblika mhux ġudikant fis-sens li trid il-liġi, u l-fatt li ma hux imparzjali ma jwassalx għan-nuqqas ta' smigħ xieraq fil-proċess kriminali li jkun jinstema' minn Qorti imparzjali u indipendenti.*

*Meta titqajjem kwistjoni kostituzzjonali quddiem Qorti li ma hijiex il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, u dik il-Qorti tiddikjara dik il-kwistjoni frivola u vessatorja, mhux leċitu għall-persuna li tkun sollevat dik il-kwistjoni li terġa' tqajjem dik il-materja b'rikors quddiem il-Prim'Awla.*

Il-Qorti: – Ikkunsidrat:

Ir-rikors li beda dawn il-proċeduri kien f'dawn it-termini:

(1) Ir-rikorrenti msemmija jinsabu għaddejjin proċeduri kriminali quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta. Dawn il-proċeduri waslu fl-istadju li l-atti ntbagħtu għand l-Avukat Ġenerali biex huwa jiddeċiedi x'għandu jagħmel skond kif jipprovdi l-artikolu 433 tal-Kodiċi Kriminali. Din id-deċiżjoni insindakabbli ġiet eżerċitata mill-avukat Dottor Vincent DeGaetano;

(2) Fis-seduta ta' l-20 ta' Frar, 1990, quddiem il-maġistrat Dottor Michael Mallia, – kien deher l-istess Dottor Vincent DeGaetano u meta r-rikorrenti oġġezzjonaw għall-preżenza tiegħu, l-avukat DeGaetano nnota li għandu d-dritt jidher għall-prosekuzzjoni skond l-artikolu 410(3) tal-Kodiċi Kriminali;

(3) Il-Qorti ċaħdet l-oġġezzjoni tar-rikorrenti u qalet ukoll li l-kwistjoni sollevata kienet frivola u vessatorja;

(4) L-esponenti għandhom dritt għal *"fair trial"*. Il-*"fair trial"* skond l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jkopri kull stadju previst mill-Kodiċi Kriminali u l-Kostituzzjoni. Il-Kostituzzjoni ħasbet fl-artikolu 92 ħalli l-Avukat Ġenerali jkollu l-garanziji kollha f'ġudizzju li jagħmel fuq l-akkużi. Il-poteri ta' l-Avukat Ġenerali jistgħu jiġu delegati lil avukati oħra. Imma ċertament hija mistennija l-istess *"impartiality"*, u *"independence"* għal dan l-istadju;

(5) Illi l-Avukat Dr. Vincent DeGaetano f'dan il-każ kien hu li ffirma u eżerċita l-poteri ta' l-Avukat Ġenerali;

(6) Illi l-Avukat Dr. Vincent DeGaetano konsistentament, kif għamel f'dan il-każ, u f'każijiet oħra, iddikjara fl-atti tal-Qorti li hu qed jidher bħala Avukat tal-Kummissarju tal-Pulizija kif jiġi ppruvat bil-ġurament ta' l-istess Avukat Dr. Vincent DeGaetano. Illi stante prassi li daħlet Dr. Vincent DeGaetano huwa persuna li ma tistax titqies indipendenti u imparzjali u li tissodisfa l-kriterji ekwiparabbli għal dawk ta' Mħallef daqs kemm imħallef ma jistax ikun avukat ta' parti ħlief skond l-artikolu 8 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili. Ċertament tali eżenzjoni mhix applikabbli għall-każ li fih Imħallef ikun ġudikant;

(7) Illi l-poteri u d-doveri ta' l-Avukat Ġenerali wara li jkun għamel att ta' akkuża huma hekk difiniti mill-Kodiċi Kriminali. L-artikoli 4 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li l-azzjoni finali tiġi eżerċitata alternattivament **jew** mill-pulizija

**jew** mill-Avukat Generali **skond il-liġi;**

(8) L-operat ta' l-Avukat Dr. Vincent DeGaetano huwa inkompatibbli mad-drittijiet ta' l-esponenti; li ma jistax ikollu avukat ta' parti b'ġudizzju importanti f'idejh;

(9) Illi, għalhekk, ir-rinviju għad-deċiżjoni tal-proċess kontra l-esponent huwa null u vizzjat u dan huwa r-rimedju li l-esponenti ġew jitolbu talli kontra tagħhom palesament qed jiġu pprivati mill-garanzija ta' *"fair trial"* protett mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzju Ewropeja;

Il-Qorti: – rat ir-risposta ta' l-intimati għal dan ir-rikors; speċjalment l-eċċezzjoni li mid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati li t-tqanqil tal-kwistjoni kostituzzjonali quddiemha kien frivolu u vessatorju u li minn din id-deċiżjoni m'hemmx appell u l-Qorti għandha tara jekk b'dan ir-rikors kienx qed isir appell kontra d-divjet espress tal-liġi;

Ħadet ampja konjizzjoni fis-sentenza ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ta' l-ewwel (1) ta' Ottubru, 1990, li biha ġie ddikjarat li la hemm ksur ta' l-artikolu 91 tal-Kostituzzjoni bl-operat ta' Dottor DeGaetano u wisq anqas ma hemm xi ksur ta' *"fair trial"* minn Qorti imparzjali u indipendenti billi Dottor DeGaetano deher biex jassisti lill-prosekuzzjoni wara li kien irrinvija l-proċess għall-ġudizzju u għalhekk iddikjarat it-talbiet tar-rikorrenti bħala mingħajr bażi legali, u ċaħdithom, bl-ispejjeż;

Rat ir-rikors ta' appell minn din is-sentenza u fuq l-aggravji hemm indikati għandu jingħad dan:

(1) Ir-rikorrenti jagħmlu riferenza għall-artikolu 91 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u minnu jagħmlu ċerti deduzzjonijiet li jikkostitwixxu l-bażi tal-lament kollu tagħhom. Is-subinċiż (3) ta' dan l-artikolu, ġie kkwotat fis-sentenza appellata, jgħid hekk:

"Fl-eżerċizzju fis-setgħat tiegħu biex jistitwixxi jagħmel u jwaqqaf proċeduri kriminali u ta' kull setgħat oħra mogħtija lilu f'xi liġi f'termini li jawtorizzawh li jeżerċita dik is-setgħa fil-ġudizzju individwali tiegħu l-Avukat Ġenerali ma jkunx soġġett għad-direzzjoni jew kontroll ta' ebda persuna jew awtorità oħra";

Ir-rikorrenti jgħidu illi "stante l-prassi li ġiet adottata, Dottor Vincent DeGaetano huwa persuna li ma tistax titqies aktar *indipendenti u imparzjali u għalhekk ma tistax tissodisfa l-kriterji*, ekwiparabbli għal dawk ta' Imħallef, kif sanċiti mill-Kostituzzjoni";

L-iżball tar-rikorrenti qiegħed proprju f'din l-idea li l-*Attorney General* jew xi wieħed mill-avukati minnu delegati – għandu f'xi mument il-funzjoni ta' Imħallef – ċjoè dik li jippresjedi tribunal li fih issir il-kawża – liema tribunal irid ikun imparzjali u indipendenti – kif dejjem kienu t-tribunali kriminali Maltin, almenu dawn l-aħħar mija u sittin sena, u kif tistabbilixxi l-Kostituzzjoni ta' Malta. Biex tiġi implimentata dik l-imparzjalità u indipendenza l-istess attribwiti huma stabbiliti għall-ġudikant li jippresjedi dak it-tribunal. Issa taħt l-ebda aspett ma jista' jiġi kkonsidrat illi l-Avukat Ġenerali jista' qatt ikun il-**ġudikant** inkwantu fl-ordinament ġuridiku Malti, huwa l-prosekutur pubbliku per eċċellenza – **parti** essenzjali f'kull kawża penali, u għaldaqstant, in kwantu huwa parti, ma jistax ikun fl-istess ħin imparzjali – għaliex din *timplika kontradizzjoni* profonda fit-termini, mhux biss lingwistiċi imma wkoll ġuridiċi;

L-indipendenza li għandu l-Avukat Ġenerali hija dik li ssemmi l-istess Kostituzzjoni fis-subinċis ta' l-artikolu ċitat. L-Avukat Ġenerali għandu diversi funzjonijiet x'jaqdi; waħda minn dawn il-funzjonijiet hija – dik li jistitwixxi jagħmel u jwaqqaf proċeduri kriminali huwa jaġixxi minn jeddu u mingħajr id-direzzjoni jew kontroll ta' ħaddieħor. Din il-libertâ testendi ukoll għal kwalunkwe funzjoni oħra fejn il-liġi tawtorizzah li jieħu deċiżjoni individwali. Dan l-attribut però ta' indipendenza ta' ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali jirrigwarda dejjem l-għażla tiegħu jkunx **parti** jew le f'proċedimenti kriminali, u ma għandha xejn x'taqsam ma' xi attribut ta' indipendenza ta' ġudikant, inkwantu din tfisser indipendenza miż-żewġ partijiet in kawża;

Dan kollu naturalment, intqal fis-sentenza appellata – u l-**Qorti** tifhem għaliex il-Maġistrat Dottor Michael Mallia, meta l-kwistjoni ġiet sollevata quddiemu, deherlu li hija frivola u vessatorja. Għaliex tabilħaqq, dan kollu huwa pjuttost ovvju u sempliċi għal kull min huwa, anki minimament, midħla tas-sistema ġuridiku Malti;

Il-Qorti f'dan l-appell jidhrilha li l-aktar punt importanti jirrigwarda l-kwistjoni sollevata mill-intimati għall-vessatorjetà u frivolità kif dehrilha l-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta. U difatti l-biċċa l-kbira tas-sentenza tal-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tikkonsisti f'eżerċizzju ta' spjegazzjonijiet ta' natura universitarja għal dawk li jkunu intraprandew l-istudju tal-liġijiet;

Is-sentenza li minnha sar, dan l-appell waqt li kkunsidrat illi skond l-art. 46(5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta:

"Ma jkunx hemm appell minn xi deċiżjoni skond dan l-artikolu li xi talba jew it-tqanqil ta' xi kwistjoni tkun sempliċement frivola jew vessatorja" qalet effettivament li r-rikors tar-rikorrenti ma jikkostitwixxi appell mid-deċiżjoni ta' dik il-Qorti ta' Maġistrati tant illi:

"din il-Qorti ma tistax tordna r-revoka jew riforma ta' dik id-deċiżjoni li hija inappellabbli, din il-Qorti tista' tieħu konjizzjoni tat-talba u tagħti rimedju jekk ikun il-każ, dejjem fil-limiti preskritti, billi din il-Qorti skond id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (2) ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni għandha diskrezzjoni wiesgħa fl-għażla ta' rimedji biex tiżgura l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem";

Bid-dovut rigward għal dik l-Onorabbli Qorti din il-pożizzjoni ma tantx hija sodisfaċenti;

Qiegħed infatti jingħad illi:

(a) l-Ordinanza tal-Qorti tal-Maġistrati li ddikjarat li l-kwistjoni sollevata mir-rikorrenti hija frivola u vessatorja, hija inappellabbli;

(b) illi konsegwentement il-Qorti tal-Maġistrati korrettament ordnat il-prosegwiment tal-kawża;

(ċ) illi l-kwistjoni, materja ta' dan ir-rikors quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili hija l-kwistjoni **identika** sollevata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u ddikjarata frivola u vessatorja;

(d) illi minħabba dik l-inappellabbilità l-Prim'Awla **ma**

**tistax tordna r-revoka jew ir-riforma** ta' dik id-deċiżjoni;

(e) illi dik l-Onorabbli Qorti, però tista' tieħu konjizzjoni tar-rikors u tagħti rimedju, dejjem fil-limiti preskritti, billi dik il-Qorti għandha diskrezzjoni wiesgħa fl-għażla tar-rimedju biex tassigura l-protezzjonijiet tad-drittijiet fundamentali;

Dawn il-ħames prepożizzjonijiet ma jistgħux joqogħdu flimkien. Jekk il-kwistjoni sollevata hija frivola u vessatorja u l-Qorti tal-Maġistrati korrettament ordnat il-prosegwiment tal-kawża quddiemha (prepożizzjonijiet (a) u (b) ) – tant illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ma tistax tirrevoka jew tirriforma dik id-deċiżjoni (preposizzjoni (d) ) – allura fuq l-istess kwistjoni, (proposizzjoni (ċ), ma huwiex possibbli li dik l-Onorabbli Qorti tikkontempla rimedji fejn m'hemmx – *ex admissis* – kwistjoni, għaliex mhux possibbli li tikkonsidra rimedji għal problema li hija frivola u vessatorja, ċjoè ma hija problema xejn;

Il-Qorti tifhem illi "frivola" riferibbilment għall-kwistjoni Kostituzzjonali li tiġi sollevata quddiem xi qorti – barra l-Qorti Kostituzzjonali jew il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili – tfisser li dik il-kwistjoni hija, ta' ebda preġju jew valur, vana, nieqsa mis-serjetà, manifestament nieqsa mis-sens, li ma jistħoqqilhiex attenzjoni; waqt li "vessatorja" tfisser li l-kwistjoni ġiet sollevata mingħajr raġunijiet suffiċjenti u bl-iskop li ddejjaq u tirrita lill-kontroparti;

Iż-żewġ konċetti kienu diġà ġew akkwisiti fl-ordinament tagħna qabel il-Kostituzzjoni ta' l-1964. Difatti l-art. 223(4) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili jipprovdi għall-każijiet ta' appelli fiergħa u vessatorji nkwantu **frivoli** u **fiergħa** huma

ġuridikament ta' l-istess portata. Waqt li l-artikolu 223 jorbot iż-żewġ kwalifiki – fiergħa u vessatorji – l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni jpoġġihom f'pożizzjoni alternattiva;

Issa *biex jiġi rispettat il-vot ta' l-artikolu 46 subinċis (5) tal-*Kostituzzjoni, irid jiġi assikurat illi deċiżjoni ta' qorti kompetenti li tgħid li xi kwistjoni kostituzzjonali sollevata quddiemha hija frivola u/jew vessatorja mhux soġġetta għall-appell, ma tiġix aġġirata u effettivament annullata, **indirettament;**

L-ewwel Onorabbli Qorti kkunsidrat illi l-Qorti tal-Maġistrati assigurat il-prossegwiment tal-kawża, bis-saħħa ta' l-inappellabbilità tad-deċiżjoni tagħha li l-kwistjoni sollevata kienet frivola u vessatorja. Imma dan mhuwiex biżżejjed, jekk kemm-il darba wara rikors bħall-preżenti, fuq **l-istess materja, fuq kwistjoni identika,** jkun hemm il-possibbilità li l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew din l-istess Qorti Kostituzzjonali, ma taqbilx ma' dik id-deċiżjoni, u taddotta xi rimedju – li bilfors u neċessarjament jinċidi fuq il-kawża li tkun għadha għaddejja jew tkun ġiet konkluża, quddiem il-Qorti li tkun ħadet id-deċiżjoni ta' frivolezza jew vessatorjetà; u kull rimedju li jista' jingħata *neċessarjament u inevitabbilment jimplika mhux biss* riforma imma revoka sostanzjali, jekk mhux formali, ta' l-ewwel deċiżjoni **għaliex din kienet sempliċement l-esklużjoni ta' kwalsiasi rimedju;**

Il-Qorti tifhem li l-pożizzjoni proċedurali korretta li nħolqot bil-provvedimenti kostituzzjonali hija fis-sens illi kull persuna li waqt xi proċediment quddiem xi qorti – li mhix il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali – jidhrilha li qamet xi kwistjoni kostituzzjonali li – dik il-persuna trid tagħżel –

jew li tipproċedi permezz ta' rikors quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew billi tissolleva l-kwistjoni sabiex dik il-Qorti tibgħat l-istess quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Meta tingħażel din it-triq ta' riferenza, il-persuna tkun qiegħda effettivament tinkorri r-riskju proċedurali li dik il-Qorti tiddeċidi li l-kwistjoni tieqaf hemm jekk tiġi kkonsiderata frivola jew vessatorja. Altrimenti d-dispożizzjonijiet kostituzzjonali proċedurali, fir-rigward, ma jistax ikollhom sens u konsistenza. Di fatti l-kwistjoni preżenti sollevata mir-rikorrenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati – ġiet effettivament eżaminata minn **tliet** qrati – mill-Qorti tal-Maġistrati, mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u minn din il-Qorti Kostituzzjonali. – Dan imur kontra l-prinċipju fundamentali tas-sistema tagħna li hija bbażata fuq żewġ gradi ġurisdizzjonali u li tippermetti biss it-tielet eżami, fil-kamp ristrett tar-ritrattazzjoni. U l-kontro sens proċedurali jirrikaċċja aktar meta jiġi kkonsiderat illi qed jingħata triplu eżami għall-materja li l-liġi lanqas ma tikkonċedilna d-doppju eżami normali inkwantu l-materja hija frivola u/jew vessatorja;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti filwaqt li tikkonferma d-dikjarazzjoni li hemm fis-sentenza ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li t-talbiet tar-rikorrenti huma mingħajr ebda bażi legali inkwantu jidhrilha li r-rikorrenti ma kellu ebda dritt li jipproċedu permezz ta' rikors li l-kontenut tiegħu kien jirrigwarda l-istess kwistjoni kostituzzjonali li l-Qorti tal-Maġistrati kienet iddikjarat frivola u vessatorja u wisq anqas jinterponu dan l-appell li huwa in effett fieragħ u vessatorju – u tikkundanna l-intimati li jħallsu spejjeż doppji għat-termini ta' l-artikolu 223(4) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili.